31974R1516



# REGOLAMENT (KEE) Nru 1516/74 TAL-KUMMISSJONI
## tat-18 ta' Ġunju 1974
## dwar is-sorveljanza mill-Istati Membri ta' kuntratti konklużi bejn il-produtturi taz-zokkor u l-produtturi tal-kannamieli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1009/67/KEE (1) tat-18 ta' Diċembru 1967 dwar l-organizazzjoni komuni tas-suq fiz-zokkor, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 1928/73 (2), u partikularment Artikoli 5(4), 31 (6) u 38 li hemm fih,

Wara li kkunsidrat r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 206/68 (3) ta' l-20 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi qafas għal kuntratti u ftehim għal fost il-kummerċ dwar ix-xiri ta' kannamieli, kif l-aħħar emendat bl-Att (4) annessjat għat-Trattat ta Adeżjoni (5) ta' Stati Membri ġodda għall-Komunità Ekonomika Ewropea u għall-Komunita ta' l-Enerġija Atomika Ewropea, u partikolarment Artikolu 11 li hemm fih,

Billi serje ta' dispożizzjonijiet adottati fis-settur taz-zokkor, u partikolarment dawk stipulati f'Artikoli 5, 30 u 31 tar-Regolament Nru 1009/67/KEE u fir-Regolament (KEE) Nru 206/68, jikkonċernaw kuntratti u ftehim fost il-kummerċ konklużi għax-xiri tal-kannamieli; billi deher meħtieġ li għandu jsir iċċekkjar regolari li d-dispożizzjonijiet ta' tali kuntratti u ftehim kif għidna qabel huma skond l-imsemmija dispożizzjonijiet tal-Komunità; billi kontroll effiċjenti għal dan l-iskop jista jitwettaq mill-Istati Membri;

Billi r-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1087/69 (6) tal-11 ta' Ġunju 1969 dwar komunikazzjoni mill-Istati Membri rigward zokkor, kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 700/73 (7) għandu jkun adottat;

Billi Komunikazzjoni bejn l-Istati Membri tar-riżultati tal-kontrolli tameljora l-armoniżazzjoni ta' tali kontrolli fil-Komunità;

Billi l-Kumitat ta' Ġestjoni għaz-Zokkor ma tax Opinjoni fil-limitu taż-żmien stabbilit miċ-Chairman tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Kull Stat Membru jwettaq kontrolli regolari skond il-konformità rilevanti tal-Komunità mad-dispożizzjonijiet adottati f'livell professjonali, speċjalment dwar ix-xiri ta' u l-ħlas għall-kannamieli.

*Artikolu 2*

Ir-riżultati tal-kontrolli li hemm riferenza għalihom fl-Artikolu 1 ikunu komunikati lill-Kummissjoni qabel it-30 ta' Ġunju ta' kull sena. Jekk jintalbu, l-Istati Membri jissottomettu ftehim fost il-kummerċ u formoli tal-kuntratti lill-Kummissjoni.

*Artikolu 3*

Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 1087/69 huwa mħassar.

*Artikolu 4*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 Ġunju 1974.

*Għall-Kummisjoni*

François-Xavier ORTOLI

*Il-President*

(1) ĠU 308, tat-18.12.1967, p. 1.
(2) ĠU L 199, tad-19.7.1973, p. 7.
(3) ĠU L 47, tat-23.2.1968, p. 1.
(4) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 14.
(5) ĠU L 73, tas-27.3.1972, p. 5.
(6) ĠU L 140, tat-12.6.1969, p. 15.
(7) ĠU L 67, ta' l-14.3.1973, p. 12.